MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 54/2012

**Elena Michailovna Camilleri nee' Gudkova**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**
**Direttur Registru Pubbliku Malta**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' l-attrici li permezz tieghu ppremettiet:

1. Illi l-attrici hija persuna li ghalkemm hija cittadina Maltija hija ta' nisel Russu. F'dawn l-ahhar snin sar tibdil fl-alfabett Russu li minhabba fih il-mod kif jigu spelluti d-dettalji ta' l-attrici nbidel.

2. Illi l-attrici Elena Gudkova twieldet fid-disgha u ghoxrin ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u erbgha u sebghin (29/11/1974), liema twelid huwa registrat fl-ufficju

tar-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta, Malta, dwar Atti tat-twelid u r-Registru ta’ Persuni Addottati, bin-numru tlett elef tmienja u tmenin tas-sena elfejn u sebgha (3388/2007).

3. Illi l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid ta’ l-attrici huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna ntestata ‘Isem il-Wild’, u fil-kolonna ntestata ‘Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier’ il-kunjom tal-missier huwa ndikat bhala ‘Goudkov’, meta fil-fatt, f’konformita’ mar-regoli godda addottati mill-Federazzjoni Russa dan ghandu issa jigi ndikat bhala ‘Gudkov’ u fil-kolonna ntestata ‘Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta’ l-Omm’, il-kunjom huwa ndikat bhala ‘Goudkova’, meta dan issa ghandu jkun ‘Gudkova’.

4. Illi l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid ta’ l-attrici fuq imsemmi huwa wkoll skorrett fis-sens illi fil-kolonna ntestata ‘Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta’ l-Omm’, l-isem ta’ l-omm huwa ndikat bhala ‘Natalia’, meta dan issa ghandu jigi ndikat bhala ‘Nataliya’.

5. Illi l-att taz-zwieg ta’ bejn l-attrici u zewgha Mario Paul Camilleri, mizmum fir-Registru Pubbliku, Rabat, Ghawdex, bin-numru hamsa tal-elfejn u wiehed (5/2001) huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna ntestata ‘Isem u Kunjom’, kunjom il-mara huwa ndikat bhala ‘Goudkova’, meta dan ghandu issa jigi ndikat bhala ‘Gudkova’.

6. Illi l-att taz-zwieg fuq imsemmi huwa wkoll skorrett fis-sens illi fil-kolonna ntestata ‘Genituri tal-Mizzewgin’ ghandhom isiru s-segwenti tibdiliet: il-kunjom tal-missier ‘Goudkov’ ghandu issa jigi ndikat bhala ‘Gudkov’, isem l-omm ‘Natalia’ ghandu issa jigi ndikat ‘Nataliya’, u kunjom l-omm ‘Goudkova’ ghandu issa jigi ndikat ‘Gudkova’.

7. Illi l-att tat-twelid ta’ iben l-attrici, Matthew Camilleri, liema att huwa mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, Rabat Ghawdex, bin-numru disghin tas-sena elfejn u tnax (90/2012) huwa skorrett fis-sens li fil-kolonna ntestata ‘Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta’ l-Omm’, il-kunjom ta’

l-omm xebba huwa ndikat bhala ‘Goudkova’, meta fil-fatt dan ghandu issa jigi ndikat bhala ‘Gudkova’.

8. Illi l-attrici trid illi l-kunjom taghha xebba u l-kunjom ta’ ommha jigi kkoregut b’mod illi jaqbel mat-tibdil li sar, u b’mod illi kull fejn jinkorri l-kunjom ‘Goudkova’, fuq l-imsemmija atti dan ghandu jigi sostitwit bil-kunjom ‘Gudkova’.

9. Illi l-attrici trid illi l-kunjom ta’ missierha jigi kkoregut b’mod illi jaqbel mat-tibdil li sar, u b’mod illi kull fejn jinkorri fuq l-imsemmija atti l-kunjom ‘Goudkov’, dan ghandu jigi ssotitwit bil-kunjom ‘Gudkov’.

10. Illi l-attrici trid illi isem ommha jigi kkoregut b’mod illi jaqbel mat-tibdil li sar, u b’mod illi kull fejn jinkorri fuq l-imsemmija atti l-isem ‘Natalia’, dan ghandu jigi sostitwit bl-isem ‘Nataliya’.

11. Illi dan ir-rikors qed isir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-attrici Elena Michailovna Camilleri nee’ Gudkova (ID 338807(T)) li ghandha konoxxenza vera u propja tal-fatti fuq esposti.

12. Illi din it-talba qed issir f’rikors uniku, stante s-similarita’ tat-talbiet u tal-provi, sabiex tigi evitata l-pluralita’ tal-kawzi.

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru tlett elef tmienja u tmenin tas-sena elfejn u sebgha (3388/2007) relattiv ghat-twelid ta’ l-attrici Elena Michailovna Camilleri nee’ Gudkova huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

2. Tiddikjara illi l-att taz-zwieg ta’ bejn l-attrici u zewgha Mario Paul Camilleri bin-numru hamsa tal-elfejn u wiehed (5/2001) huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

3. Tiddikjara illi l-att tat-twelid ta’ iben l-attrici bin-numru disghin tas-sena elfejn u tnax (90/2012) huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.

4. Konsegwentement tordna l-korrezzjonijiet tal-atti fuq imsemmija billi kull fejn jinkorri l-kunjom ‘Goudkov’ fuq l-imsemmija atti jigi mibdul ghal ‘Gudkov’.

5. Tordna li kull fejn jinkorri l-kunjom ‘Goudkova’ fuq l-imsemmija atti jigi mibdul ghal ‘Gudkova’.

6. U tordna li kull fejn jinkorri l-isem ‘Natalia’ fuq l-imsemmija atti jigi mibdul ghal ‘Nataliya’.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi mid-dokumenti prezentati mir-rikorrenti ma tirrizultax gustifikata l-ewwel premessa tar-rikorrenti illi kien hemm xi tibdil fl-alfabett Russu. Infatti fuq il-passaport il-gdid tar-rikorrenti, isimha bil-lingwa Russa jidher li nkiteb l-istess bhal fuq il-passaport l-antik.

2. Illi dwar it-talba ghall-korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti, l-esponenti jissottometti illi ma kien sar l-ebda zball fir-registrazzjoni ta’ dan ic-certifikat u ghaldaqstant ma jista’ jsir ebda tibdil fil-kunjom. Infatti isem u kunjom ir-rikorrenti fuq c-certifikat taz-zwieg gie korrettament imnizzel bhala Elena Michailovna Goudkova skont traduzzjoni tac-certifikat tat-twelid ta’ l-istess rikorrenti mir-Russu ghall-Ingliz (Dok PRAA). Fl-istess traduzzjoni, kunjom missierha huwa mnizzel bhala Goudkov u mhux Gudkov, u isem u kunjom omm ir-rikorrenti huwa mnizzel bhala Natalia Alexandrovna Goudkova u mhux Nataliya Alexandrovna Gudkova. Barra minn dan, f’kull dokument iehor rikjest mir-Registratur taz-Zwigijiet, u cjoe c-certifikat ta’ stat liberu (Dok PRB), kopja tal-passaport (Dok PRC), u traduzzjoni tal-passaport (Dok PRD), ir-rikorrenti dejjem giet indikata bhala Elena Mikhailovna Goudkova. Jekk kif qed tissottometti r-rikorrenti, u kif jirrizulta mic-certifikat datat 6 ta’ Ottubru

2004 mahrug minn Mikkail R. Vorobiev gew introdotti regoli godda mill-Federazzjoni Russa dwar it-traduzzjoni mir-Russu ghall-Ingliz, dawn ma ghandhomx jaffettwaw atti illi kienu diga' registrati skont it-traduzzjoni illi kienet saret bir-regoli l-antiki. Dan peress illi c-certifikat jikkostitwixxi verbal korrett ta' l-istat ta' fatt vigenti fid-data taz-zwieg, u ghalhekk ma hemmx lok ghal xi azzjoni ghall-korrezzjoni bazata fuq zball;

3. Illi dwar it-talbiet ghall-emendi fic-certifikat tat-twelid ta' bin ir-rikorrenti, din it-talba hija konnessa u dipendenti fuq it-talbiet l-ohrajn, u ghaldaqstant l-esponenti jirrimetti ruhu a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi dwar it-talba ghall-emendi fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti, l-esponenti ma hux il-legittimu kontradittur, peress illi t-twelid gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

5. Illi minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti kellha obbligu illi tipprezenta kopja tac-certifikati illi xtaqet illi jigu korretti u mhux tal-estratti tal-istess certifikati, u dan peress illi huma c-certifikati illi jridu jigu emendati u mhux l-estratti;

6. Illi peress illi l-korrezzjonijiet mitluba ma sarux necessarji minhabba xi zball ta' l-esponenti, l-ispejjez ta' dan ir-rikors, inkluz ta' l-esponenti ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li fir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku Malta li eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponenti ma jsibx oggezzjoni ghall-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti fil-kunjomijiet, fis-sens illi

a. Il-kunjom ta' missier ir-rikorrenti minn 'Goudkov' ghal 'Gudkov',

b. Il-kunjom ta' omm ir-rikorrenti minn 'Goudkova' ghal 'Gudkova', u

c. Il-kunjom tal-istess rikorrenti minn 'Goudkova' ghal 'Gudkova'

Salv pero' li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru ta' registrazzjoni 3388/2007 u dan peress li dan il-bdil qed isehh minhabba li sar bdil fl-alfabett Russu;

3. Illi lanqas ma jsib oggezzjoni ghall-korrezzjoni ta' l-isem ta' l-omm ir-rikorrenti fuq ic-certifikat tat-twelid ta' l-istess rikorrenti minn 'Natalia' ghal 'Nataliya' salv pero' li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru ta' registrazzjoni 3388/2007 u dan peress li dan il-bdil qed isehh minhabba li sar bdil fl-alfabett Russu;

4. Illi ghat-tieni talba u t-tielet talba tar-rikorrenti, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta m'huwiex il-legittimu kontradittur izda huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex u dan ghaliex iz-zwieg (numru ta' registrazzjoni 5/2001) gie registrat Ghawdex, kif ukoll it-twelid ta' Matthew Camilleri bin-numru ta' registrazzjoni 90/2012;

5. Illi ghaldaqstant, id-Direttur tar-Registru Pubbliku Malta m'ghandux jigi akkollat bl-ispejjez tal-proceduri istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdha titlob tibdil fic-certifikat tat-twelid taghha, fic-certifikat taz-zwieg u fic-certifikat tat-twelid ta' binha. It-tibdil rikjest jirrigwarda l-kunjom ta' missier ir-rikorrenti minn 'Goudkov' ghal 'Gudkov', il-kunjom ta' omm ir-rikorrenti minn 'Goudkova' ghal 'Gudkova', u l-kunjom ta' l-istess rikorrenti minn 'Goudkova' ghal 'Gudkova'. Oltre' dan qed titlob tibdil f'isem ommha minn 'Natalia' ghal 'Nataliya'.  Il-bazi tat-talba taghha hija tibdil li sar fl-alfabett russu.

Jirrizulta li nkwantu t-talbiet tar-rikorrenti ghal tibdil fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti, id-Direttur tar-Registru Pubbliku Malta m'interpona l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet imressqa. Mentri d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex qieghed joggezzjona ghat-tibdil rikjest fic-certifikat taz-zwieg u fic-certifikat tat-twelid ta' binha u dan peress li ma kien sar l-ebda zball fir-registrazzjoni. Infatti l-kunjom u isem omm ir-rikorrenti tnizzlu abbazi ta' dokumenti prodotti mill-istess rikorrenti.

Fil-fehma tal-Qorti gie ppruvat mir-rikorrenti li minhabba tibdil fir-regoli adottati mill-Federazzjoni Russa l-kunjom 'Goudkova' meta jigi tradott mir-Russu ghall-Ingliz jinkiteb 'Gudkova'. Dwar dan ingabet prova b'Dokument D[1]. Ir-rikorrenti ezebiet ukoll il-passaport taghha prezenti mahrug mill-awtoritajiet Russi flimkien ma' kopji ta' passaporti precedenti.  Minn dawn jirrizulta li t-tibdil rikjest fil-fatt gie ukoll affettwat mill-awtoritajiet Russi sa mis-sena 2004.

Il-Qorti hija konxja wkoll tall-gurisprudenza nostrali dwar tibdil fil-kunjom. Hekk per ezempju fil-kawza fl-ismijiet

[1] A fol 11 tal-process

**Francis Montanaro vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**[2] it-talba, bhal fil-kaz odjern, kienet qeghdha ssir *ai termini* tal-**artikolu 253 tal-Kap 16**, li jirreferi ghall-talba gudizzjarja sabiex isir bdil fl-isem jew ismijiet ta' l-attur u mhux fuq kunjom. Dik il-Qorti rreferiet ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (JAF) 1 ta' Frar 2001) fejn inghad:-

*"Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-**artiklu 253 tal-Kap 12** – ghalkemm lingwistikament huwa minnu li jista' wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna` - kien u hu kunjom jew "surname". Fil-lingwa Franciza, bhala f'ilsna ohra, tinzamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjah "prenom" minn dak li hu "nom de famille". Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll ghal "dixxendenti ulterjuri", pero` din hija "lapsus", oppure kopertura tal-possibilita` li kemm-il darba isem ta' axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, "Paul" ghal "Joseph", tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa' tigi annotata. Pero` mid-dibattiti parlamentari jemergi li "ratio legis" kien dak biss li jaghmilha possibbli li f'kazi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jigi mibdul – imma mhux il-kunjom, ammeno che ma jkunx hemm zball".*

*"Id-diversi sentenzi citati mill-attur juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta' inkluzjoni ta' kunjom genitur imma <u>qatt</u> ma accettaw bdil jew zieda ta' kunjom jekk mhux ghax ikun sar zball x'imkien. Il-kunjomijiet "Magro" u "Magri", imsemmijin mill-attur fil-kawza citata minnu, dejjem gew meqjusa bhala differenti minn xulxin. Ghalhekk jekk xi hadd ikun gie mnizzel bhala "Magro" minflok "Magri", jew vice-versa, ikun jammonta ghal zball u bhala tali jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk l-izball jigi ppruvat."*

---

[2] Cit Nru: 1815/01RCP deciza fis-7 ta' Jannar 2003

Illi fil-kaz fl-ismijiet **"Leonard u Apollonia konjugi Ellul maghrufa bhala Ellul Mercer et vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (JRM) Cit.Nru: 1138/01/JRM - 21 ta' Marzu 2002) il-Qorti qalet *"illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna",* izda l-kaz kien totalment differenti minn dak odjern.

Illi huwa evidenti li t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex kapriccjuzi u li fil-fatt l-atti msemmija mhumiex jirriflettu l-istat attwali ta' kunjom ir-rikorrenti, kunjom missierha, u isem u kunjom ommha. Ghaldaqstant ma jezisti l-ebda ostakolu ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jintlaqghu.

Tqis ukoll pero' li ma jirrizultax li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa mputabbli lill-konvenuti b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda, filwaqt li tichad l-ewwel zewgt eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex, tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------